**229. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal- Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi**:

Billi s-subartiklu 3 tal-artikolu II tal-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 232, jipprovdi li kull tibdil jew żieda fil-memorandum jew fl-istatut tal-assoċjazzjoni ta' kumpanija li fiha, fil-ħin ta' dak it- tibdil jew, żieda, il-Gvern ta' Malta jkollu azzjonijiet jew obbligazzjonijiet kif provdut fis-subartikolu (2) tal- istess artikolu, ma jkollux effett qabel dik id-data li fiha dak it-tibdil jew żieda ġew approvati b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi l-Air Malta Co. Ltd., li hija kumpanija li fiha l-Gvern ta' Malta għandu azzjonijiet kif intqal qabel b'riżoluzzjoni meħuda f'laqgħa ġenerali tal-azzjonisti biddlet il-memorandum ta' assocjazzjoni tagħha billi fil-klawżola 5 (a) minflok il-kliem "The number of directors shall be not less than three and not more than seven" ġew sostitwiti l-kliem " The number of directors shall be not less than three and not more than eight", iżda dak it-tibdil jibda jieħu effett biss minn meta din il-Kamra tapprovah b'riżoluzzjoni tagħha;

U billi l-Kamra taqbel ma' dak it-tibdil;

Għalhekk b'din ir-Riżoluzzjoni l-Kamra tapprova t-tibdil fuq imsemmi fil-memorandum ta' assoċjazzjoni tal-Air Malta Co. Ltd."

15.05.1990